MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Numru 1169/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Trevor Micallef**
**vs**
**Wayne Garrett**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Wayne Garrett ta’ 17-il sena, iben Franco u Mary Louise nee’ Sacco, imwieled fit-30 ta’ Lulju 1991, Pieta’ u residenti 9, Del Palco, Triq Vince Dimech, Zurrieq u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 377391(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar id-19 ta’ Ottubru 2008, ghal habta ta’ 12 : 00a.m, f’San Giljan

1. Ikkommetta serq ta’ mobile phone tal-marka Samsung illi jiswa Euro 220 ghad-dannu ta’ Larisa-Mirela Bonello, liema serq huwa kwalifikat bil-‘hin’.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta' Novembru, 2008 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall- akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal- akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-eta' tenera ta' l-imputat, l-fatt li ghandu fedina penali netta (esebita a folio 4 tal-process), l-fatt li ammetta l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li r-res furtiva giet ritornata lura lill-vittmi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------